# IX-XEWQA TAL-MILIED

Karolina xtaqet li l-affarijiet kienu differenti milli attwalment kienu. Kien vicin il-Milied u l-ispirtu ta' din il-festa kien nieqes ghal ahhar. Kienet tara li n-nies aktar kien mohhom fl-ikel u x'rigali kienu ser jixtru u nsew il-veru tifsira tal-Milied. Ghalhekk Karolina ddecidiet li terga' ddahhal l-ispirtu tal-Milied billi tistaqsi lill-girien x'kienet ix-xewqa taghhom ghal dan iz-zmien festiv. Jum wiehed ghamlet girja fl-inhawi fejn kienet toqghod.

"L-ghodwa t-tajba Mrs Henry, x'inhja x-xewqa tieghek ghall-Milied?"

Il-mara tat harsa lejn Karolina u tbissmet. Kulhadd kien jaf li Karolina kienet zaghzugha ferrihija u ta' manjieri edukati. Imma l-lum Mrs Henry kellha burdata hazina. Zewgha marad u l-flus kollha li warrbet ghall-Milied nefqithom fi spejjes ghall-kura fl-isptar. Ma setghet tahseb f'ebda xewqa ghaliex kienet qalbha sewda u ma setghetx takkwista x-xewqa tal-Milied. Inutli li tesprimi x-xewqa taghha jekk ix-xewqa qatt ma setghet issehh. Ghalhekk xtaqitilha l-Milied it-tajjeb, baxxiet rasha u kompliet fi triqtha. Minkejja dan l-attegjament negattiv, Karolina baqghet soda fil-fehma taghha.

Kompliet il-mixja taghha u ltaqghet ma' habiba ta' l-iskola li kienet tahdem f'bank lokali. "Hi, Dolores, kif inti?"

"Hi, Karolina, jiena tajba," wegbitha habibitha. Karolina nnutat li Dolores ma staqsithiex kif inhi, izda din l-imgieba ma baxxitilhiex jew nehhitilha l-moral.

"Dolores, kont qed nahseb jekk ghandikx xi xewqa specjali ghall-Milied ta' din is-sena?"

Dolores waqfet ftit tahsibha u qaltilha: " Beq." Imma mbaghad malajr ziedet: " Xi ftit tal-flus ghal l-ispejjes. Taf inti kemm il-Milied igib spejjes mieghu."



Iz-zewgt ihbieb dahlu jiehdu kafe' u hemm qaghdu jitkellmu fuq dak li ghadda minn ghalihom tul iz-zmien li kienu ilhom ma jiltaqghu. Qabel infirdu xtaqu l-festi t-tajba lil xulxin. Karolina sewdet qalbha ghar-risposta li tatha Dolores, ghax filwaqt li habibitha ma kellhiex tfal fuq min tonqof flusha, madankollu kull ma setghet tahseb kien kemm il-Milied sar okazzjoni ta' spejjes.

Karolina kienet sejra lura lejn darha wiccha 'l isfel lejn l-art imhassba fuq it-twegiba li tawha dawk iz-zewg nisa ghall-mistoqsija taghha.

"Hello, Karolina," ghajjat Mr. Williams.

"L-ghodwa t-tajba," wegbitu lura Karolina. Dak il-hin Mr. Williams kien ghaddej riekeb iz-ziemel kulur il-qastan, jirritorna lejn id-dar wara li hadu jiggerra fl-ghelieqi. " Kif thossok illum?"

"Tajjeb…tajjeb hafna sinjorina u inti?"

“ Nizzukhajr lil Alla nhossni tajba ukoll,” wegbitu Karolina ferhana li hu poggilha l-istess mistoqsija. “ X’tixtieq ghall-Milied?”

“ Il-Milied? ,” stghageb Mr Williams filwaqt li ta daqqa fuq rasu, “insejtu dan iz-zmien tas-sena. Ma nahsibx li din is-sena ser niccelebrah.”

Fiz-zmien li kellha Karolina qatt ma semghet li xi hadd ma kienx ser jiccelebra l-Milied. Ix-xokk li hadet meta semghet din l-ahbar halliha kwazi bla nifs.  Ir-ragel kompla fi triqtu lejn l-istalla b’Karolina thares miblugha lejn it-tnejn.

Xi haga hemm hazina fil-girien tieghi, hasbet. Kif jistghu jinsew il-Milied.  Kompliet iddur id-djar ta’ l-nhawi tistaqsi l-istess mistoqsija. Xi whud ghalqulha l-bieb f’wiccha, ohrajn tawha harsa kerha bhallikieku riedu jghidulha, ma ghandikx x’taghmel filghodu, u sahansitra wahda mara waddbitilha l-ilma minn gol-gallarija li ghal ftit ma ghamilhiex ghasra.

Hawn ma kienux l-inhawi li fihom kibret Karolina. Soltu kien jirrenja l-ispirtu tal-Milied, fejn fit-twieqi kienu jarmaw il-Bambin, jixghelu dwal biex izejnu l-bibien u jharsu lejn kulhadd bi-tbissima. Is-sens ta’ solidarjeta’ kien aktar jidher meta l-adulti kienu jahsbu biex jattendu c-ceremonja ta’ bil-lejl, jaghtu rigali u jghinu lill-foqra li ma kellhomx mezzi biex jifirhu f’din il-festa.

Meta waslet id-dar hija staqsiet lilha nnfisha ; “X’seta’ qatt gara?” waqt li bdiet tnehhi iz-zarbun minn riglejha ghajjiena.

Dik il-ghodwa Karolina mxiet sew u l-ktejjeb tan-noti taghha kien mimli risposti negattivi ghal mistoqsija taghha. Hafna nies riedu aktar flus jew hwejjeg materjali filwaqt li ohrajn ma kienx jimpurthom mill-Milied.

Hekk kif kienet bilqieghda hdejn it-tieqa titrejjaq b'xi haga zghira xtaqet li l-girien ta' l-inhawi taghha jkollhom esperjenza vera tal-Milied veru. Ghalkemm kienet taf li din ix-xewqa qatt ma setghet issehh, xewqitha kienet wahda sinciera. Hadet nifs 'l gewwa u tnehded :" Oh li kont nghix fi zmien differenti."

Hi kienet temmen li z-zminijiet moderni kkontribwew ghall-waqa' ta' dan l-istagun hekk kif dan il-periodu sar wiehed ta' kummerc qawwi.

Iz-zaghzugha ghaddiet il-gimgha ta' qabel il-Milied titlob ghall-girien taghha u tixtieq li jiehdu lura l-ispirtu veru tal-Milied. Hekk kif kienet thares lejn l-ucuh hija kienet thoss kompassjoni ghalihom. Kienu wisq aljenati bil-hajja hekk li tilfu l-veru tifsira  ta' l-isbah granet tas-sena. Xi whud kienu qalbhom sewda ghal xi telfa ta' qarib filwaqt li ohrajn kienu biezla jippreparaw ikel u rigali.

Lejliet il-Milied Karolina setghet ixxomm ir-riha ta' l-ikel gejja mill-kcejjen tal-girien taghha. L-istonku taghha kien igerger meta r-riha tad-dundjan mixwi, tal-gallettini, il-pudina tal-Milied,  u hlewwiet ohra jaslu ma' imnifsejha.

Hija messet diraghajha niefxa u rringrazzjat lil Alla li ghadha tgawdi s-sens tal-mess. Misset wiccha li harqet meta kienet ghadha tifla u rringrazzjat lil Alla li ghad fadallaha wicc. Karolina nharqet u sofriet griehi ta' tielet grad filwaqt li missierha u ommha sfaw vittma tan-nar. Kibret f'orfanatrofju u spiss kienu jinkuha bil-fatturi sfigurati taghha. Kienet timxi zopp u diraghajha sofriet minn  nuqqas ta' funzjonijiet. It-tobba ghamlu hilithom kollha biex ifejquha  u kien irnexxilhom.

Aktar ma kibret aktar aktar fehmet li hemm x'toffri fil-hajja. In-nies ta' madwarha insew kif realment kienet ghaliex kienu mirbuha mit-

tbissima taghha u mill-imgieba edukata ma' min kull min kien jiltaqa' maghha. Kienet tahdem ta' gurnalista u tikteb artikli ghall-gazzetta li kienet tohrog fil-lokal.

Kien lejlet il-Milied u d-dlam raxxax kmieni billi shab oxhon kien jiksi s-smewwiet. Mit-tieqa bdiet tara d-dwal tat-twieqi jintfew ftit ftit sakemm ma kontx taghraf tieqa minn ohra.

Hija tfiet id-dawl tal-kamra u dahlet taht il-friex fis-sodda. Ma kienitx ilha hafna rieqda li l-hoss ta' zokk ta' sigra ihaxwex mal-hgieg tat-tieqa tellfilha r-raqda.

Ma kienx dak li hasbet izda kien il-hoss tas-silg mal-hgieg tat-tieqa. Ma kienitx l-ewwel wahda li xeghlet id-dawl ghax il-girien kollha bdew jixghelu ftit ftit billi riedu jaraw dak li kien qed isehh barra ghax kienet haga rari hafna li jinzel is-silg u l-borra.

Karolina bdiet tisma' l-ghajjat u l-kommossjoni fit-triq minkejja li kienet niezla l-borra. Kien hemm tlett rikkieba fuq iz-zwiemel jigru fit-toroq mal-lejl ifittxu lis-salvatur. Imbaghad dak li kien fuq il-lemin ipponta subghajh lejn is-smewwiet. Harset lejn is-smewwiet u rat kewba tiddi hafna bejn zewg shabiet.

Ma kienitx zgura minn dak li kien qed jigri. Tefghet kutra fuqha u harget barra tinghaqad mal-girien li kienu qed jitkellmu fuq dak li raw. Wiehed mill-girien beda' jkanta u l-ohrajn komplew mieghu.

Il-ferh deher fuq wicc in-nies. Ma kienx is-silg li gabar lin-nies flimkien izda l-lejla nnfisha li fakkrithom fil-grajja tal-bibbja fuq it-twelid ta' Gesu'.

Ghal kommunita' li ma kienx jimpurtaha mill-ispirtu tal-Milied, dan kien miraklu sabih li seta' biss isehh bix-xewqa ta' wahda li qatt ma nsiet it-tifsira reali tal-Milied